# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 778/2022 TA**

**Elizabeth Mamo (K.I. 316557M)**

**Vs**

**Mark sive Mark Raymond Laus (K.I. 215968M)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Elizabeth Mamo (l-Attriċi) tas-26 ta' Awwissu 2022 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"Illi in forza ta' skrittura privata datata 9 ta' April 2019, l-intimat iddikjara ruħu debitur ċert likwidu u dovut a favur ta' l-attriċi fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf disa' mija u ħamsin ewro (€27,950) in konsiderazzjoni ta' self mogħti lilu;

Illi tali skrittura qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkata bħala Dok "A";

Illi tali somma komplessiva ta' sebgħa u għoxrin elf disa' mija u ħamsin ewro (€27,950) kellha titħallas kif maqbul bejn il-partijiet fl-istess skrittura u ċioe' fi zmien tlett snin mid-data ta' l-istess skrittura. Illi l-intimat Mark sive Mark Raymond Laus ħallas biss is-somma ta' elf sebgħa mija u ħamsin ewro (€1,750) u għalhekk baqa' bilanċ ta' sitta u għoxrin elf u mitejn ewro (€26,200);

Illi l-intimat Mark sive Mark Raymond Laus ma żammx mal-obbligi tiegħu u baqa' moruz għas-somma ta' sitta u għoxrin elf u mitejn ewro (€26,200) rappreżentanti l-bilanċ tal-pagamenti dovuti a favur tal-attriċi;

Illi l-intimat ħallas is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) permezz ta' tlett ċekkijiet bankarji li ma ġewx onorati mill-HSBC Bank Malta plc u dana kif jirriżulta mill-ittra uffiċċjali datata 17 ta' Mejju 2022 mibgħuta lill-intimat, debitament notifikat u għaliha l-intimat rrisponda li l-ammont mhux dovut minkejja li kopja taċ-ċekkijiet ġew annessi ma' l-istess ittra uffiċċjali (Dok "B")

Illi minkejja l-ittra uffiċċjali addizzjonali datata ta' 17 Mejju 2022 mibgħuta lill- intimat u debitament notifikat, fejn l-istess intimat ġie interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut, huwa baqa' inadempjenti, liema ittra qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkata bħala Dok "C"

Jgħid għalhekk l-istess konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrent huwa kreditur tar-rikorrenti għas- somma ta' sitta u għoxrin elf u mitejn ewro (€26,200) rappreżentanti l-bilanċ rimanenti minn somma akbar ta' dejn, ċert, likwidu u dovut;

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti s-somma hawn fuq indikata ta' sitta u għoxrin elf u mitejn ewro (€26,200).

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittri uffiċċjali datati 17 ta' Mejju 2022 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi li qegħdin jiġu preżentati kontestwalment ma' din il-kawża, kif ukoll bl-imgħax dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-intimat, li huwa nġunt minn issa in subizzjoni".

Rat li l-konvenut debitament notifikat kif trid il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata biex għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet lill-Attriċi tixhed.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Permezz ta' skrittura privata tad-9 ta' April 2019, l-Attriċi kkonfermat li għandha tieħu sebgħa u għoxrin elf disgħa mija u ħamsin ewro (€27,950) mingħand il-

konvenut. F'din id-dikjarazzjoni ddikjarat li dawn ser jibda jiġborhomlha bina Jonathan Apap u li dan l-ammont kellu jitħallas fi żmien tlett snin, li allura jfisser li kellhom jitħallsu sad-9 ta' April 2022 (a' fol 12). Minn dan l-ammont tħallas is-somma ta' elf sebgħa mija u ħamsin ewro (€1,750). Dan ifisser li għad fadal x'jitħallas l-ammont li qed jintalab f'din il-Kawża u ċioe' sitta u għoxrin elf u mitejn ewro (€26,200).

Din id-dikjarazzjoni hija ffirmata mill-konvenut u minn bin l-Attriċi.

**Punti ta' liġi**

L-azzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti fis-sempliċita' tagħhom tikkostitwixxi fit-talba għall-ħlas dovut ai termini tal-artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li *"Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità".* U meta l-ħaġa mislufa tkun flus, li hija fiha nnifisha *res fungibiles artikolu* 1844. (1) jiddisponi li meta "*L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt*"
Għalhekk din hija azzjoni abbażi tal-kuntratt ta' mutuum konsistenti fir-radd lura ta' somma flus.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti semgħet lill-Attriċi li spjegat f'liema ċirkostanzi ġew mislufa dawn il-flus. Tgħid li kellu żmien tlett snin biex ħallas u baqa' ma għaddiex biex jagħmel dan il-ħlas anke wara li ġie interpellat biex jgħaddi għall-ħlas tas-somma mislufa.

Il-konvenut mogħti żmien biex anke jagħmel nota ta' osservazzjonijiet baqa' ma għamel xejn.

Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta li l-Attriċi rnexxielha tipprova l-pretensjoni tagħha.

## <u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-Attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' sitta u għoxrin elf u mitejn ewro (€26,200) rappresentanti bilanċ minn somma akbar li llum hija ċerta, likwida u dovuta.

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attriċi s-somma fuq imsemmija bl-imgħaxijiet mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kif mitluba.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**